**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦA U ERBGĦIN**

**16 ta' DIĊEMBRU, 2013**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa.

**44.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

44 .1.1 Fir-rigward ta' punt 43.4.2 kien hemm qbil li l-minuti għandhom jinqraw kif ġej:
Kien hemm qbil unanimu li għall-attivita' li ssir il-Kumitat Amministrattiv joħroġ is-somma ta' €1,000 biex tiżdied ma' din tad-Dipartiment.

44.1.2 Il-minuti tas-seduta 43 ġew apporvati hekk kif emendati.

***44.2*** ***Komunikazzjoni miċ-Chairperson***

44.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li ssir tabella biex ma jintremix skart fi Triq Dun Nard Mallia fejn Macarena Court minħabba l-ilment li tressaq.

### *44.3 Party tal-Milied għat-Tfal ta' Bubaqra*

44.3.1 Ic-Chairperson Pierre Farrugia nforma lill-Kumitat li sal-lum applikaw 68 tfal, għall-party tal-Milied li ser isir għada s-17 ta' Diċembru.

Hu qal li r-rigali nxtraw skont l-etajiet li nkitbu u ġew jiswew €6 kull rigal minflok €8. Ir-rigali kienu *calculators, robots* u pupa.

Id-Dulli u l-*magician* ser jieħdu ħsieb l-ewwel parti tar-riċeviment, filwaqt li kunsillier li ser jilbes ta' *father christmas* ser iqassam ir-rigali lejn l-aħħar tar-riċeviment.

### *44.4 Attivita' Kulturali 2013 (kienu preżenti membri mill-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria)*

44.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia laqa' lir-rappreżentanti mil-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria u nfurmhom li l-Kumitat Amministrattiv qatt ma kien irrisponda għall-*emails* riċevuti mill-Għaqda, minħabba li l-Għaqda kienet dejjem qed tkun indirizzata lill-Kunsill minflok lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

Is-Segretarju tal-Għaqda s-Sur Alan Mamo, qal li onestament, l-iskop tal-laqgħa mitluba, kienet għax riedu jiċċaraw l-affarijiet kif ġraw. Hu żied jgħid li din il-kwistjoni, l-Għaqda żammitha taħt l-istadju ta' Kumitat biss. Is-Sur Alan Mamo qal li l-Kumitat Amministrattiv kien talab lill-għaqdiet l-għajnuna għall-attivita' f'Ġunju 2013 u huma kienu wieġbu li ma setgħux joffru l-għajnuna tagħhom minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani li għandhom u minħabba li d-data kienet qrib wisq il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Hu żied jgħid li s-Soċjeta' l-oħra ma setgħux jgħinnu fid-data proposta u kienu huma stess li pproponew data oħra f'Lulju, fejn il-Kumitat Amministrattiv ma aċċettax u għalhekk saret f'Settembru. Is-Sur Alan Mamo qal li data alternattiva ġiet ipproponuta u miftehma ma' soċjeta' waħda, minflok ma' tnejn kif kienet l-ewwel proposta ta' Ġunju.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-Kumitat Amministrattiv ma ħariġx fondi lis-Soċjeta' li tat l-għajnuna tagħha. Hu qal li wara li l-Kumitat Amministrattiv kien bagħat l-ewwel email u s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina rrispondiet li tista tgħin, il-Kumitat beda d-diskussjonijiet fuq l-attivita' u kienu diġa saru tliet laqgħat, meta min kien ser jarma ċertu

affarijiet, fosthom il-palk u xi esibituri oħra ma setgħux fid-data proposta. Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li wara x-xogħol li kien sar diġa, ma setgħax jerġa jikkomunika maż-żewġ għaqdiet u jerġa jinbeda kollox mill-bidu għax kien ser jinqala ħafna *hassle*. Hu qal li d-data proposta minnhom għal-Lulju tħassret miċ-Chairperson stess, minħabba konflit ma' attivita' oħra li kellhom l-Għaqda Karmelitana u Banda QV.

Is-Sur Alan Mamo qal li fil-korrispondenza mibgħutha lilhom bħala risposta mill-Kunsill, ma kienetx titkellem fis-sens li kien qed jispjega ċ-Chairperson. Hu qal li l-ftehim li sar mas-Soċjeta' l-oħra, ma kienx l-istess bħal dak li sar mal-Għaqda Karmelitana u Banda QV. Hu żied jgħid li ma jfissirx li għax il-Kumitat Amministrattiv u l-Għaqda Karmelitana u Banda QV, dejjem ħadmu tajjeb flimkien, jekk ikun hemm xi kwistjoni m'għandiex tiġi diskussa.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li hu ma ħassx li kellu jerġa jibda d-diskussjonijiet mil-bidu wara x-xogħol li kien sar.

Is-Sur Alan Mamo qal li dan sar kollu askapitu tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV. Hu qal li l-Kumitat Amministrattiv kellu jibda t-taħdidiet mil-bidu, għax ma kienx ġust ma ħaddieħor. L-affarijiet setgħu saru b'mod aħjar u tal-inqas kellhom ikunu nfurmati bil-bdil tad-dati.

Il-Viċi Chairperson qalet li jekk l-Għaqda Karmelitana u Banda QV, ħasset li l-Kumitat Amministrattiv żbalja, hi titlob skuża.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-attivita' kien qed jieħu ħsiebha l-aktar, l-membru Annetto Bugeja, minħabba li hu l-membru nkarigat mill-attivitajiet f'Bubaqra u l-membru Joseph D'Amato qal li personalment ma daħalx fid-dettalji tal-attivita' għax kien qed iħalli f'idejn il-membru Annetto Bugeja. Hu żied jgħid li l-membru Annetto Bugeja iddetta u l-membri tas-Soċjeta' wettqu x-xogħol. Il-membru Joseph D'Amato qal li jekk is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, kienet diġa bdiet tieħu ħsieb kollox u wara diversi laqgħat inqalgħu xi ntoppi li ma setgħux jikkontrollawhom u b'hekk id-data kellha tkun posponuta, ma jħossx li l-Kumitat Amministrattiv kellu jerġa jibda d-diskussjonijiet mil-bidu.

Il-membru Joseph D'Amato qal li għalkemm l-intenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ma kienetx li jinqala l-inkwiet jew diżgwiet, din l-attivita' għandha

sservi ta' tgħalima biex minflok l-affarijiet isiru bil-kitba, tintalab laqgħa u d-diskussjoni ssir madwar mejda ħalli l-kliem ikun ċar.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia kkonkluda li l-aktar ħaġa mportanti kienet, li fondi lis-Soċjeta' Mużikali ma ngħatawx, u m'għandhomx jitħaltu l-inizjattivi kulturali li joħroġ il-fondi għalihom id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-attivita' addizzjonali u li ffinanzja l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. Hu żied jgħid li meta l-Kumitat Amministrattiv kien informa lis-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina, li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma aċċettax l-attivita' proposta minnhom, fis-sena 2013, imma li l-istess Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li s-Soċjeta' torganizza xorta l-attivita' proposta, mingħajr għajnuna finanzjarja mill-Kumitat Amministrattiv, ma kienx qed jirreferi għall-attivita' ta' Wirja ta' Għodod antiki li ħoloq il-Kumitat Amministrattiv.

Id-Diskussjoni waqfet f'dan il-punt u l-membru Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 6.45pm).

### *44.5 Ilmenti u Suġġerimenti*

44.5.1 Il-membru Joseph Caruana ssuġġerixxa biex għal-sena oħra l-armar tal-ornamenti tal-Milied li hemm f'Bubaqra, jibda jiġi armat par par, skont id-dekorazzjoni u mhux ikunu mifruxin kif ġara f'din is-sena.

Issuġġerixxa ukoll li l-par qniepen jiġu viċin il-knisja.

Kien hemm qbil fuq dan.

### *44.6 Appuntament għas-Seduta li jmiss*

44.6.1 Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn 13ta' Jannar 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa intemmet b'dan il-punt fuq l-aġenda.

Konfermati, illum ___ ta' Jannar, 2013.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**